MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 16/2021 LM

**Conception Martinez Lopez (Numru tal-Passaport BA 857533)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Jet Magic Air Personnel Limited**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Conception Martinez Lopez** [numru tal-passaport BA 857533] [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-8 ta' Frar, 2021, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li r-rikorrenti ma

rnexxilhiex tipprova l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni u ta' tkeċċija inġusta mill-impjieg li kellha mas-soċjetà intimata **Jet Magic Air Personnel Limited** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], filwaqt li ddeċieda li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**<u>Fatti</u>**

2. Fir-rikors tagħha quddiem it-Tribunal Industrijali, ir-rikorrenti spjegat li hija daħlet f'kuntratt mas-soċjetà intimata fid-19 ta' Frar, 2016, fejn kienet impjegata bħala *flight attendant* għal terminu indefinit, b'salarju ta' €3,800 fix-xahar. Ir-rikorrenti spjegat li s-soċjetà Jet Magic Air Personnel Limited hija soċjetà rreġistrata fil-British Virgin Islands, li tipprovdi servizz ta' *crewing* lil Jet Magic Limited, kumpannija inkorporata hawn Malta li tipprovdi s-servizz ta' *private charters* tal-ajruplani. Ir-rikorrenti kienet twettaq x-xogħol tagħha minn Spanja, fejn kienet tgħix, minn fejn kienet titla' abbord l-ajruplani *chartered* u tivvjaġġa mal-klijenti tal-kumpannija lejn id-destinazzjonijiet tagħhom. Qalet li f'Awwissu tal-2017 hija nqabdet tqila, u għalhekk fil-11 ta' Settembru, 2017 hija infurmat b'dan lill-kumpannija intimata, minħabba n-*no fly status* tagħha. Ir-rikorrenti qalet li fis-27 ta' Settembru, 2017 hija ġiet infurmata li biex tkompli bl-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata kien ser ikollha tirriloka f'Malta. Ir-rikorrenti qalet li *ai termini* tal-artikolu 7.4 tal-kuntratt tal-impjieg tagħha, is-soċjetà intimata kellha l-obbligu li toffrilha xogħol alternattiv idoneu, u *ai termini* tal-artikolu 6 tal-kuntratt tal-impjieg, is-soċjetà intimata kellha l-obbligu li tħallas għall-ispejjeż kollha li r-rikorrenti

kien ser ikollha tinkorri fl-eżerċizzju tax-xogħol tagħha. Qalet li minkejja din il-klawsola, hija ma ġiet offruta l-ebda kumpens, u minflok fis-27 ta' Settembru, 2017, is-soċjetà intimata infurmat lir-rikorrenti li din tal-aħħar kellha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha, inkluż l-ispejjeż tat-titjiriet lejn u minn Malta, u tal-akkomodazzjoni tagħha. Qalet li fil-5 ta' Ottubru, 2017 ġie stabbilit li hija kienet qiegħda ssofri minn *haematoma* tal-utru, u għalhekk ma kinitx f'qagħda li ssiefer. Kompliet tgħid li minkejja li ppruvat tagħmel kuntatt mas-soċjetà intimata sabiex tinfurmaha b'dan, hija bl-ebda mod ma rnexxielha tagħmel kuntatt mas-soċjetà intimata. Qalet li fit-30 ta' Novembru, 2017, hija ġiet infurmata minn rappreżentanta tal-kumpannija li s-salarju għal dak ix-xahar ma kinitx ser tirċevih, u fit-18 ta' Diċembru, 2017 hija rċeviet telefonata oħra mingħand il-kumpannija fejn ġiet infurmata li minn dak il-ħin 'il quddiem hija kienet meqjusa li kienet fuq *forced sick leave* u għalhekk ma kinitx ser tkompli tirċievi s-salarju tagħha u kienet ser tirċievi ħlas biss għall-erbatax-il ġimgħa *maternity leave.* Qalet li fil-15 ta' Jannar, 2018 hija bagħtet ittra bonarja lill-kumpannija intimata, fejn infurmatha bil-preġudizzju li kienet qiegħda ssofri minħabba dan l-aġir, imma minkejja dan is-soċjetà intimata baqgħet ma offriet l-ebda soluzzjoni. Ir-rikorrenti spjegat li hija sofriet minn trawma psikoloġika u minn ansjetà f'dan iż-żmien tat-tqala tagħha, u għalhekk ma kellha l-ebda għażla għajr li tagħti r-riżenja tagħha fis-7 ta' April, 2018 permezz ta' *email.* Qalet li l-ammont dovut lilha mis-soċjetà intimata huwa ta' €19,885.62 f'salarji dovuti lilha.

## Mertu

3. Permezz tar-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti talbet li jiġi dikjarat li (i) is-soċjetà intimata kisret l-obbligi tagħha taħt il-kuntratt ta' impjieg bejn il-partijiet; (ii) li s-soċjetà intimata kisret l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91 (Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità) u taħt id-direttiva 92/85/KEE; (iii) li s-salarju tar-rikorrenti waqaf jitħallas b'mod inġust, illegali u abbużiv u (iv) li r-rikorrenti ġiet imkeċċija mill-impjieg inġustament. Ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal jillikwida d-danni dovuti lilha bħala kumpens għal din it-tkeċċija inġusta tagħha, liema kumpens ir-rikorrenti tgħid li għandu jkun għal salarji miżmuma illegalment mis-soċjetà intimata, għall-ħlas ta' somma ekwivalenti għal tmintax-il ġimgħa *maternity leave* li kienu dovuti lir-rikorrenti li kieku hija ma ġietx imkeċċija mill-impjieg inġustament, u għall-ħlas ta' somma ekwivalenti għal sena salarju rappreżentanti kumpens għad-danni sofferti mir-rikorrenti, li għandha tarbija tat-twelid u hija mingħajr impjieg. Ir-rikorrenti talbet ukoll li t-Tribunal jiddikjara li teżisti diskriminazzjoni min-naħa tas-soċjetà intimata fil-konfront ta' impjegati li jkunu qegħdin jistennew tarbija, b'talba għal kwalunkwe rimedju ieħor li t-Tribunal jara li jkun opportun fiċ-ċirkostanzi.

4. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha qajmet xi eċċezzjonijiet preliminari fir-rigward tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, u wara eċċepiet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Is-soċjetà intimata qalet li f'dan il-każ ma tistax tirriżulta tkeċċija inġusta għaliex kienet ir-rikorrenti li għażlet li tirriżenja mill-impjieg

tagħha u għalhekk ma ġietx imkeċċija, u għaldaqstant il-ħames u s-sitt talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu milqugħa. Żiedet tgħid li dak li trid tipprova r-rikorrenti huwa li hija ġiet imġiegħla tirriżenja mill-impjieg tagħha. Qalet li fi kwalunkwe każ m'hemm l-ebda prova li r-rikorrenti ġiet imġiegħla tirriżenja mix-xogħol tagħha. Is-soċjetà intimata spjegat li wara li r-rikorrenti għarrfitha li kienet qiegħda tistenna tarbija, ġie offrut impjieg alternattiv lir-rikorrenti hawn Malta, bl-istess kundizzjonijiet tal-impjieg li kellha qabel, inkluż is-salarju. Qalet li minkejja li saret din l-offerta ta' impjieg alternattiv, fil-5 ta' Ottubru, 2017, ir-rikorrenti infurmat lill-prinċipal tagħha li hija kienet qiegħda ssofri minn *haematoma* u għalhekk ma setgħetx ittir, mingħajr ma pprovdiet informazzjoni ulterjuri jew ċertifikazzjoni medika dwar l-istat ta' saħħa tagħha. Is-soċjetà intimata qalet li hija ħallset lir-rikorrenti s-salarji għax-xhur ta' Settembru u ta' Ottubru 2017, u mhuwiex minnu li r-rikorrenti ma stabbiliet l-ebda kuntatt mas-soċjetà intimata kif allegat. Qalet ukoll li kienet ir-rikorrenti li minn jeddha rriżenjat mill-impjieg. Is-soċjetà intimata żiedet tgħid li t-Tribunal m'għandux kompetenza jisma' u jiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti rigward arretrati ta' salarji u l-allegat ksur kuntrattwali u l-konsegwenti likwidazzjoni u ħlas ta' danni riżultanti mill-istess, għaliex dawn it-talbiet jaqgħu fil-kompetenza tal-qrati ordinarji. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li mhux minnu li sejjer jirriżulta xi ksur tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti, u lanqas mhu minnu li r-rikorrenti sfat diskriminata b'xi mod.

5. Ir-rikorrenti ppreżentat kopja tal-kuntratt ta' impjieg li hija ffirmat fid-19 ta' Frar, 2016 mas-soċjetà intimata. Il-klawsola 6 ta' dan il-kuntratt tipprovdi illi:

> *"the Employee shall also be entitled to the reimbursement of all costs and expenses incurred by her/him in connection with the performance of her/his duties".*

Il-klawsola 7.4 tal-kuntratt tipprovdi illi:

> *"where the Employee becomes pregnant, the Employee shall inform immediately the Employer in writing of her pregnancy and shall subsequentely, within 15 days, formally inform the Employer of her pregnancy and of the expected date of confinement by means of a certificate issued by a registered medical practitioner. A pregnant Employee shall not continue to perform her duties under the position held in terms of the Agreement and shall be placed on 'no-fly' status for the duration of her pregnancy. The Employer shall endeavour to assign the Employee to suitable alternative work on the ground, in its offices or any of its Clients' offices, and the statutory provisions as specified by law shall apply."*

6. Ir-rikorrenti ppreżentat ukoll kopja tal-korrispondenza mibgħuta minnha lis-soċjetà intimata fil-11 ta' Settembru, 2017, flimkien ma' kopja ta' *email* tat-13 ta' Settembru, 2017 li s-soċjetà intimata bagħtet lir-rikorrenti, fejn din ġiet infurmata illi:

> *"As per your contract terms, and during the next months, we have the opportunity to assign you for an administrative position at our Malta office, under the same gross salary that you had so far."*

Permezz ta' *email* oħra mibgħuta lir-rikorrenti fis-27 ta' Settembru, 2017, u esebita mir-rikorrenti, is-soċjetà intimata infurmatha li hija kellha tagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex issib fejn toqgħod, kif ukoll kellha tieħu ħsieb tixtri l-biljetti tal-ajru u tieħu ħsieb l-ispejjeż marbuta mar-rilokazzjoni tagħha f'Malta. Ir-rikorrenti ppreżentat ukoll kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn ir-rappreżentant tagħha u s-soċjetà intimata, kif ukoll kopja tal-ittra ta' riżenja tagħha minn mas-soċjetà intimata.

7. Ir-rikorrenti xehdet quddiem it-Tribunal, fejn spjegat li hija kienet impjegata bħala *senior flight attendant* u *instructor* mas-soċjetà intimata. Qalet li hija kienet tgħix ġewwa Madrid, u l-ajruplan li kienet taħdem fuqu kien jinżamm f'ajruport ġewwa Franza, u għalhekk hija kienet tivvjaġġa ta' spiss bl-ajru jew bil-ferrovija. Qalet li meta kienet tagħmel hekk, is-soċjetà intimata kienet tagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti. Ix-xhud qalet li x-xogħol kien ivarja skont il-klijent li kien jikri l-ajruplan, u kompliet tgħid li filwaqt li kien hemm żmien meta kienet tagħmel xahrejn kontinwi tivvjaġġa, kien ikun hemm żmien meta l-ajruplan ma kienx jinkera, għalkemm hija dejjem baqgħet tirċievi s-salarju mingħand is-soċjetà intimata. Qalet li kien hemm xogħol ta' preparazzjoni li kien isir rigward kull titjira, liema xogħol ħafna drabi hija kienet tagħmlu mid-dar tagħha f'Madrid. Ix-xhud qalet li kif indunat li kienet tqila, hija mill-ewwel infurmat b'dan lis-soċjetà intimata, imma kienet ixxukkjata ħafna meta saret taf li hija kienet mistennija tirriloka lejn Malta. Qalet li l-kundizzjonijiet tax-xogħol offruti lilha f'Malta kienu ferm differenti minn dawk li hija kienet imdorrija bihom, anki għaliex kien ser ikollha tħallas għall-akkomodazzjoni tagħha u mis-salarju tagħha kien ser jibda jitnaqqas kważi 30% taxxa. Qalet li hija ma ngħatat ebda żmien meta kellha tkun preżenti f'Malta u l-unika informazzjoni li ngħatat kienet li f'każ li riedet issib akkomodazzjoni, setgħet tfittex fuq l-*internet*. Ix-xhud qalet li kien f'dan iż-żmien ukoll li hija ngħatat parir mediku li ma tirkibx ajruplan għaliex it-tqala tagħha kienet meqjusa *high risk* minħabba raġunijiet mediċi. Qalet li wara li hija infurmat b'dan lis-soċjetà intimata, hija ma baqgħetx tirċievi salarju mingħandha, sakemm f'April ta' wara hija kellha tirreżenja minn mal-kumpannija minħabba l-ansjetà li kienet qiegħda tesperjenza. Ir-rikorrenti

qalet li kienet għadha mingħajr impjieg. Għad-domandi li sarulha in kontroeżami, ir-rikorrenti wieġbet li kienet hi li rriżenjat mill-impjieg u ħadd ma kien keċċiha, u meta hija ġiet offruta impjieg hawn Malta, għall-bidu kienet aċċettat sakemm it-tabib kuranti tagħha kien infurmaha li t-tqala tagħha kienet meqjusa *high risk.* Qalet li dak iż-żmien hija stenniet li s-soċjetà intimata kienet ser tagħtiha l-opportunità li taħdem mid-dar, kif jagħmlu wħud mill-impjegati tas-soċjetà intimata, fosthom pilota.

8. **Jerman Gonzalez**, ir-raġel tar-rikorrenti xehed li matul it-tqala tagħha, ir-rikorrenti kienet qiegħda ssofri minn ħafna ansjetà minħabba s-sitwazzjoni li kienet fiha fuq il-post tax-xogħol tagħha. Qal li t-tqala kienet meqjusa *high risk,* kemm minħabba l-età tar-rikorrenti, kif ukoll minħabba fatturi mediċi oħra.

9. **Caroline Losner**, direttriċi tas-soċjetà Jet Magic Air Personnel Limited xehdet li teżisti *policy* internazzjonali li meta impjegata fil-qasam tal-avjazzjoni tkun qed tistenna tarbija, din ma titħalliex ittir (*no-fly status*). Qalet li meta jiġri hekk, is-soċjetà Jet Magic Air Personnel Limited tidħol f'diskussjonijiet ma' Jet Magic Limited, il-kumpannija bbażata hawn Malta, sabiex tara jekk hemmx il-possibilità li l-impjegata tiġi offruta pożizzjoni oħra fl-istess kumpannija. Ix-xhud qalet li kien hemm drabi fejn ir-rikorrenti kienet mistennija tagħmel xogħol mid-dar bi tħejjija għat-titjiriet li kienet tintalab tagħmel, partikolarment għaliex ħafna min-nies li kienet takkumpanja fuq dawn it-titjiriet kienu VIPs li kienu jesiġu li jingħataw ċertu servizzi. Ix-xhud qalet li l-uffiċini tal-kumpannija qegħdin Malta. Qalet ukoll li s-soċjetà intimata ma kellha l-ebda xogħol li r-rikorrenti setgħet tagħmel mid-dar fi Spanja, u x-

xogħol li r-rikorrenti ġiet offruta f'Malta, kien xogħol ta' *accounts* li r-rikorrenti kellha tingħata taħriġ għalih. Sussegwentement l-istess xhud spjegat li r-rikorrenti kienet tintalab ittir fuq titjiriet *on request*, u fix-xogħol tagħha kienet tintalab takkumpanja *bands* u kantanti internazzjonali u persuni bi profil għoli. Qalet li r-rikorrenti ġieli għamlet xahar tgħix abbord l-ajruplan. Spjegat li r-regoli tal-linji tal-ajru jistipulaw li persuna li tkun qed tistenna tarbija ma titħalliex ittir għal skopijiet ta' xogħol, u meta jiġri hekk is-soċjetà intimata tipprova toffri impjieg alternattiv lill-impjegati hawn Malta. Ix-xhud qalet li s-soċjetà intimata m'għandhiex uffiċini oħra għajr għal dawk li għandha f'Malta, u meta r-rikorrenti kienet offruta l-opportunità li tiġi tagħmel xogħol hawn Malta, din irrifjutat u rriżenjat mill-impjieg. B'riferiment għall-klawsola 6.1 tal-kuntratt ta' impjieg, ix-xhud qalet li l-kumpannija setgħet tirrifondi lill-impjegati tagħha biss dawk l-ispejjeż li l-impjegat jinkorri sabiex ikun jista' jagħmel x-xogħol tiegħu aħjar sakemm l-impjegata tkun qiegħda taħdem bħala *flight attendant,* u s-soċjetà intimata ma kinitx lesta li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati mal-għajxien u mal-akkomodazzjoni tal-impjegati tagħha meta jaħdmu minn Malta. Ix-xhud qalet li s-salarju tar-rikorrenti ma kienx ser ivarja li kieku aċċettat li tibda taħdem minn Malta.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

10. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Frar, 2021, it-Tribunal ikkonkluda li r-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova li hija sfat diskriminata jew li hija tkeċċiet mill-impjieg inġustament, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet***

*Illi din il-kawża si tratta prinċipalment ta' impjegata li ħarġet tqila u trid xogħol alternattiv. Il-problema hija kbira minħabba l-fatt li l-bażi tas-soċjetà intimata hija Malta waqt li r-rikorrenti tirrisjedi ġewwa Spanja.*

*Ovvjament il-problema tikber.*

*Il-prinċipal ammetta li l-impjegata offrewlha li tiġi taħdem Malta bħala xogħol alternattiv waqt li l-impjegata insistiet li setgħu sabulha xogħol mid-dar tagħha ġewwa Spanja.*

*It-Tribunal jaf li din il-kawża hija kawża sensittiva però qiegħed jiddeċiedi s-segwenti.*

*Il-bażi tal-kumpannija intimata hija Malta u jidher illi l-operazzjonijiet huma ġewwa Malta u t-Tribunal mhuwiex konvint li hemm biżżejjed xogħol li r-rikorrenti tista' taħdem ġewwa Spanja minħabba l-fatt li l-flights mhumiex daqshekk frekwenti. Ukoll minn Malta tista' taħdem mal-operaturi l-oħrajn u taħdem minn ġewwa Malta. Mhuwiex ġustifikat titlob għal xi allowance tal-flat jew tal-flights jew tal-ikel. Ukoll it-Tribunal ma jarax li hemm każ ta' diskriminazzjoni għax ma kienx hemm ħaddiema oħra li ġew offruti xi privileġġi jew li ġew offruti xi kundizzjonijiet aħjar minn dawk offruti lir-rikorrenti.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda, ra d-dokumenti, u sema' t-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeċiedi billi r-rikorrenti ma ppruvatx l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni u ta' tkeċċija inġusta u b'hekk tintemm il-kawża bl-ispejjeż jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## <u>L-Appell</u>

11. Ir-rikorrenti appellat minn din id-deċiżjoni tat-Tribunal fit-22 ta' Frar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... tilqa' l-appell tagħha interpost u tirrevoka u tħassar is-sentenza tat-Tribunal Industrijali, mogħtija fit-8 ta' Frar, 2021 għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, u jekk tħossha opportuna, tilqa' t-talbiet tar-rikors tal-esponenti, u toħroġ kull ordni sabiex tiġi rimedjata din l-azzjoni inġusta u jiġi likwidat kumpens ġust kif ukoll tagħti kwalunkwe rimedju illi l-Qorti tara xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi."*

12. L-appellanta qalet li bid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal injora u naqas kompletament milli jittratta t-tieni u t-tielet talbiet tagħha, u b'hekk naqas milli jagħti piż lill-provvedimenti tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impjieg) Leġislazzjoni Sussidjarja, kif ukoll li t-Tribunal naqas milli jinterpreta l-kunċett ta' 'trattament diskriminatorju' b'mod korrett.

13. L-appellanta qalet li huwa prinċipju ben stabbilit fil-liġijiet tagħna u fil-ġurisprudenza illi prinċipal jista' jkeċċi impjegat biss jekk ikollu raġuni tajba biżżejjed biex jagħmel dan. Qalet li l-Kap. 452, fl-artikolu 36(14)(d) jipprovdi li prinċipal ma jistax jiċċita t-tqala ta' impjegata bħala raġuni tajba u biżżejjed biex impjegata titkeċċa, u l-Leġislazzjoni Sussidjarja (S.L. 452.91) tipprovdi li l-impjieg ta' impjegata li qed tistenna tarbija għandu jkun żgurat u l-paga tagħha m'għandhiex tkun inqas favorevoli minn dik stipulata fil-kuntratt tax-xogħol tagħha, wara li ssir valutazzjoni tar-riskju u jiġi stabbilit li hemm riskju għas-saħħa u s-sigurtà jew effett fuq it-tqala tal-impjegata. L-appellanta spjegat li minkejja li hija kellha offerta ta' xogħol alternattiv, li hija qalet li ma kienx wieħed xieraq, it-Tribunal naqas milli jagħmel eżami tas-sitwazzjoni in vista ta' dak li jipprovdu r-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Maternità u tad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, kif ukoll naqas milli jiddikjara jekk kienx hemm ksur ta' dawn ir-regolamenti kif mitlub mill-appellanti. L-appellanta qalet li mill-provi kellu jirriżulta li f'dan il-każ ma saret l-ebda stima tar-riskju kif mitluba mill-

artikolu 3(2) tar-Regolamenti, kif ukoll li t-Tribunal naqas milli jevalwa jekk ix-xogħol alternattiv kienx aċċettabbli fiċ-ċirkostanzi. L-appellanta qalet li t-Tribunal naqas ukoll milli jevalwa jekk l-alternattivi elenkati fl-artikolu 3 tar-Regolamenti, u speċifikament dawk imsemmija fis-subartikoli (4), (5) u (6), li jittrattaw il-*leave* speċjali u l-i*special allowance,* kif ukoll il-proċeduri li l-Prinċipal għandu jadotta skont il-liġi meta l-alternattiva proposta minnu ma tistax tiġi mitluba raġonevolment mill-impjegata, ġewx imħarsa. Qalet li f'dan il-każ it-Tribunal injora kompletament id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 *et seq.* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91 u tad-Direttiva 92/85/KEE tal-Kunsill. Qalet li għalhekk it-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu unikament fuq il-kwistjoni ta' tkeċċija inġusta, mingħajr ma elabora dwar il-legalitajiet marbuta mal-maternità u mar-regolamenti speċifiċi li jirregolaw il-mod kif għandu jaġixxi prinċipal fiċ-ċirkostanzi speċjali ta' dan il-każ.

14. L-appellanta żiedet tgħid li t-Tribunal għamel applikazzjoni jew interpretazzjoni ħażina tad-definizzjoni ta' 'trattament diskriminatorju' kif dedotta mill-Kap. 452, kif ukoll li dan għamel għadd ta' konsiderazzjonijiet kunfliġġenti meta qal li f'dan il-każ ma kienx hemm diskriminazzjoni għaliex ma kienx hemm ħaddiema oħra li ġew offruti xi privileġġi jew kundizzjonijiet aħjar minn dawk offruti lill-appellanta. L-appellanta żżid tgħid li ftit qabel it-Tribunal għamel riferiment għax-xhieda tal-prinċipal tagħha, li qalet li kien hemm impjegata oħra li ħarġet tqila, u kien intlaħaq ftehim li din tieħu *unpaid leave* u wara tieħu *maternity leave* u wara kellha terġa' tibda xogħol. Is-soċjetà appellanta qalet li dak li ġie offrut lil ħaddieħor huwa irrilevanti għad-determinazzjoni dwar jekk f'dan il-każ hemmx diskriminazzjoni jew le, u l-Kap.

452 jiddefinixxi 'trattament diskriminatorju' bħala distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika, li tinkludi diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala jew tqala potenzjali. L-appellanta qalet li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu unikament fuq il-fatt li ma kienx hemm nisa oħra tqal li rċevew trattament aħjar mill-kumpannija, liema interpretazzjoni l-appellanta qalet li tmur kontra l-intenzjoni tal-leġiżlatur. L-appellanta qalet li bl-interpretazzjoni mogħtija mit-Tribunal, ingħatat l-impressjoni li wieħed jista' jittratta grupp ta' persuni b'mod inġust, sakemm ma jiġix ippreferut wieħed jew waħda minnhom. L-appellanta qalet li l-aġir tas-soċjetà appellata kien wieħed diskriminatorju għaliex is-soċjetà appellata ppretendiet li mara tqila titlaq minn pajjiżha sempliċiment għaliex kienet tqila u ma setgħetx ittir b'mod frekwenti, u dan kollu sabiex ittiha xogħol alternattiv li fin-natura tiegħu huwa xogħol klerikali. L-appellanta staqsiet x'inhi l-ħtieġa li hija titlaq minn pajjiżha sabiex tkun tista' tagħmel dan ix-xogħol alternattiv, u qalet li s-suspett tagħha huwa li din kienet manuvra da parti tal-kumpannija sabiex iġġiegħelha tirriżenja u b'hekk jiġu ffrankati l-flus tal-*leave* tal-maternità. L-appellanta staqsiet x'kienet ser tagħmel is-soċjetà appellata f'każ li numru ta' impjegati tagħha jkunu qegħdin jistennew tarbija fl-istess ħin, u qalet li hemm diskriminazzjoni għaliex hemm kategorija ta' impjegati li ntalbu li jirrilokaw minn pajjiżhom mingħajr ebda alternattiva, u speċifikament għaliex qegħdin jistennew tarbija, u dawn l-impjegati m'għandhomx triq oħra għaliex jekk joġġezzjonaw jitilfu xogħolhom jew ikollhom jirriżenjaw. L-appellanta qalet li anki l-evalwazzjoni tal-provi li għamel it-Tribunal hija skorretta għaliex minn imkien ma jirriżulta dak li ġie kkonstat minnu, li s-soċjetà appellata ħallset il-biljett tal-appellanta sabiex tkun tista'

tiġi Malta. L-appellanta qalet li kunflitt ieħor inħoloq meta t-Tribunal l-ewwel qal li kien hemm mara li ġiet trattata differenti mill-appellanta, u wara qal li ma kienx hemm nisa oħra li ġew trattati aħjar jew b'mod differenti.

**Ir-Risposta tal-Appell**

15. Is-soċjetà appellata fir-risposta tagħha qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija korretta u għandha tiġi kkonfermata, filwaqt li l-appell tal-appellanta għandu jiġi miċħud. Spjegat li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija dwar il-kwistjoni tal-allegata tkeċċija inġusta, u qalet li t-Tribunal ma kellu l-ebda obbligu jipprovdi linji gwida dwar il-mod kif kellu jimxi l-prinċipal f'dan il-każ. Qalet li l-mod kif għandu jġib ruħu l-prinċipal u d-drittijiet tal-appellanta jinsabu fil-liġi, u fil-kuntratt ta' impjieg tal-appellanta, u għalhekk it-Tribunal kien tenut li jevalwa l-fatti sabiex jara jekk kienx hemm każ ta' tkeċċija inġusta kif allegat jew le. Qalet li l-appellanta kienet impjegata bħala *flight attendant* u għalhekk ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità għandhom jiġu interpretati fil-kuntest partikolari li x-xogħol tal-appellanta jrid isir fl-ajru. Qalet li mill-provi rriżulta wkoll li hekk kif l-appellanta infurmat lill-prinċipal tagħha li kienet qiegħda tistenna tarbija, hija ġiet mgħarrfa li ma setgħetx tibqa' taħdem bħala *flight attendant* għaliex ix-xogħol tagħha kien ta' riskju għaliha, u għalhekk ġiet offruta xogħol alternattiv bl-istess kundizzjonijiet li kellha qabel, imma bid-differenza li dan ix-xogħol kellu jsir minn uffiċċju hawn Malta, li hu l-uniku uffiċċju li għandha s-soċjetà appellata. Spjegat li l-appellata għażlet li ma tiġix tgħix Malta minħabba problemi ta' saħħa, u għalhekk hija ddeċidiet li tirriżenja mill-impjieg minn jeddha. Is-soċjetà appellata qalet li f'dan il-każ appell seta'

jsir biss fuq punt ta' liġi, u dan *ai termini* tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452, u l-interpretazzjoni tal-fatti li saret mit-Tribunal hija materja li dwarha ma jistax jitressaq appell. Qalet li f'dan il-każ ma jirriżulta l-ebda ksur tal-liġi min-naħa tas-soċjetà appellata, u l-appellanta ġiet offruta impjieg alternattiv adegwat għaliha, *ai termini* tal-liġi u tal-kuntratt ta' impjieg. Kompliet tgħid li l-impjieg alternattiv kellu jitwettaq mill-uffiċċju tas-soċjetà appellata li jinsab ġewwa Malta, u l-appellanta kienet mistennija taħdem bl-istess kundizzjonijiet li kellhom impjegati oħra f'dan l-istess uffiċċju, fosthom billi tħallas hi għall-ikel u għall-kiri ta' residenza hawn Malta, xi ħaġa li l-appellanta ma riditx li tagħmel. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellanta kienet taf li jekk tinqabad tqila ma kinitx ser tkun tista' tibqa' taħdem bħala *flight attendant,* u li f'każ li tiġi *grounded,* l-uniku uffiċċju minn fejn setgħet tagħmel xogħol alternattiv jinsab hawn Malta. Is-soċjetà appellata qalet li la l-liġi u lanqas il-kuntratt ta' impjieg ma jipprovdu għal dak li qiegħda tippretendi l-appellanta, u għalhekk m'għandux jirriżulta li s-soċjetà appellata naqset milli tonora l-obbligi tagħha, jew li aġixxiet bi ksur tal-liġi jew tal-kuntratt ta' impjieg tal-appellanta.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, is-soċjetà appellata qalet li fir-rikors tal-appell qegħdin jiġu ċċitati siltiet allegatament mid-deċiżjoni appellata, li iżda ma jirriżultawx mill-istess deċiżjoni. Qalet li barra minn hekk, kuntrarjament għall-każ ta' allegata tkeċċija inġusta, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-appellanta bħala impjegata u mhux fuq il-prinċipal, u fil-każ odjern ma tressqu l-ebda provi f'dan ir-rigward. Is-soċjetà appellata qalet li fir-rikors tal-appell, l-appellanta mkien ma qalet li d-diskriminazzjoni minnha allegata hija fis-sens li impjegati oħra ġew trattati b'mod differenti jew aktar favorevoli

minnha, jew li hija ġiet trattata b'mod inqas favorevoli minn oħrajn, imma li d-diskriminazzjoni seħħet fil-konfront ta' grupp jew klassi ta' impjegati, f'dan il-każ il-*flight attendants.* Is-soċjetà appellata qalet li mill-provi kellu jirriżulta li l-appellanta ġiet offruta impjieg alternattiv u bl-istess paga, u għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm diskriminazzjoni f'dan is-sens. Kompliet tgħid li x-xogħol tal-appellanta bħala *flight attendant* huwa wieħed partikolari, li għandu jitwaqqaf hekk kif jirriżulta li l-impjegata hija tqila, u minħabba n-natura tax-xogħol huwa ferm diffiċli li l-appellanta tiġi offruta impjieg alternattiv simili għal dak ta' *flight attendant.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Qabel tgħaddi biex tevalwa l-aggravji sollevati mill-appellanta, il-Qorti sejra teżamina l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà appellata, li l-appell odjern huwa wieħed irritu u null għaliex ma sarx fuq punt ta' liġi kif jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452, imma fuq il-mod kif it-Tribunal interpreta punti ta' fatt li tqajmu quddiemu. Il-Qorti qieset li l-aggravji tal-appellanta għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni ta' wħud mit-talbiet tagħha, u għalhekk b'mod indirett l-appellanta qiegħda tippretendi li din il-Qorti terġa' tevalwa l-fatti fil-kuntest tar-Regolamenti u dispożizzjonijiet legali ċċitati minnha sabiex tara jekk kienx hemm il-ksur allegat mill-appellanta, filwaqt li t-tieni aggravju tal-appellanta huwa dwar il-mod kif it-Tribunal interpreta l-kunċett ta' 'trattament diskriminatorju'. Il-Qorti hija tal-fehma li dan l-appell huwa maħsub biex jindirizza punti legali mqajma mill-appellanta u għalhekk

sejra tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità sollevata mis-soċjetà appellata sabiex tgħaddi biex teżamina l-aggravji mqajma mill-appellanta.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal naqas milli jindirizza wħud mit-talbiet tal-appellanta u ma tax piż lill-provvedimenti tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità ċċitati mill-appellanta]*

18. L-appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli jippronunzja ruħu dwar it-tieni u t-tielet talbiet tagħha, jiġifieri dwar jekk hemmx ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91, u jekk hemmx ksur tal-obbligi tal-prinċipal taħt id-direttiva 92/85/KEE. L-appellanta tgħid li tkeċċija mill-impjieg ma titqiesx li hija inġusta meta l-prinċipal ikollu raġuni tajba għalfejn ikeċċi persuna mill-impjieg, u t-tqala ta' persuna mhijiex raġuni tajba jew suffiċjenti biex tiġġustifika t-tkeċċija tagħha. Tgħid li minkejja li hija ġiet offruta impjieg alternattiv, dan ma jistax jitqies li kien xieraq u idoneu għaliha, u t-Tribunal naqas milli jevalwa jekk l-impjieg alternattiv kienx ukoll fih ir-riskji tiegħu, u jekk dan kienx aċċettabbli fiċ-ċirkostanzi tal-appellanta. L-appellanta qalet li minflok, it-Tribunal illimita ruħu għal evalwazzjoni dwar jekk it-tkeċċija tagħha mill-impjieg kinitx inġusta, u ma għamel l-ebda riferiment għar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (S.L. 452.91) u lanqas għall-provedimenti tad-Direttiva 92/85/KEE.

19. Il-Qorti kkonsidrat li l-appellanta kienet impjegata bħala *flight attendant* mas-soċjetà appellata li għandha uffiċċju wieħed li jinsab hawn Malta, b'numru ta' ħaddiema li jgħixu f'postijiet differenti madwar id-dinja, li meta jissejħu sabiex jakkumpanjaw titjira fuq *chartered flights* operati mis-soċjetà

appellata, jagħmlu dan billi jivvjaġġaw mill-pajjiż fejn ikunu residenti lejn l-ajruport minn fejn tkun ser toriġina t-titjira. Jirriżulta li fil-11 ta' Settembru, 2017, l-appellanta kienet infurmat lis-soċjetà appellata bil-fatt li kienet qiegħda tistenna tarbija, u jumejn wara, proprju fit-13 ta' Settembru, 2017, is-soċjetà appellata infurmat lill-appellanta li minħabba n-*no fly status* tagħha, hija kienet qiegħda tiġi offruta l-opportunità ta' impjieg alternattiv mas-soċjetà appellata bl-istess salarju u kundizzjonijiet li kienet tgawdi qabel, imma sabiex tagħmel dan ix-xogħol hija kellha tirriloka lejn Malta, fejn jinsab l-uniku uffiċċju tas-soċjetà appellata. Fis-27 ta' Settembru, 2017 kien hemm komunikazzjoni oħra mal-appellanta, fejn din intalbet tagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex tiġi Malta, inkuż billi ssib akkomodazzjoni f'pajjiżna. Ftit tal-jiem wara l-appellanta infurmat lis-soċjetà appellata li hija ma setgħetx tirriloka lejn Malta minħabba l-kundizzjoni ta' saħħitha, u għaliex it-tabib kuranti tagħha fi Spanja kien irrakkomanda li ma tivvjaġġax bl-ajruplan għall-ebda raġuni. Mill-provi jirriżulta wkoll li kien hemm komunikazzjoni bejn il-partijiet fejn l-appellanta vvantat sensiela ta' pretensjonijiet, fosthom li tkun is-soċjetà appellata li tagħmel tajjeb għall-ħlas tat-titjiriet tagħha lejn u minn Malta, kif ukoll li s-soċjetà appellata tagħmel tajjeb għall-ispejjeż marbuta mal-akkomodazzjoni tal-appellanta f'Malta. Is-soċjetà appellata wieġbet li l-appellanta kienet ser tingħata l-istess salarju li kellha meta kienet taħdem bħala *flight attendant,* u nġibditilha l-attenzjoni wkoll għall-fatt li l-ħaddiema l-oħra kollha tal-kumpannija li jaħdmu minn Malta, jieħdu ħsieb iħallsu huma għall-ikel u għall-akkomodazzjoni tagħhom f'Malta. Mill-provi jirriżulta li l-appellanta ppruvat tinnegozja l-ħinijiet tax-xogħol tagħha b'tali mod li fi tmiem il-ġimgħa tkun tista' tirritorna lura lejn Spanja, kif ukoll irrimarkat dwar kif kien ser ikun

possibbli għaliha li żżur it-tabib kuranti tagħha fi Spanja minħabba l-istat li kienet fih.

20. Il-Qorti tirrileva li l-obbligi li kellha s-soċjetà intimata kwantu sa fejn hija kellha tħares is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegata tagħha, kienu li twaqqafha milli ttir fuq xogħol, u li toffrilha impjieg alternattiv li jkun xieraq u idoneu għaliha. Is-sitwazzjoni tal-appellanta kkumplikat ruħha għaliex l-appellanta, ċittadina Spanjola residenti f'Madrid, intalbet tirriloka f'Malta sabiex tkun tista' taħdem fix-xogħol alternattiv offrut lilha fit-taqsima tal-*accounts* tal-kumpannija, u dan sabiex hija tkun tista' taħdem mill-uniku uffiċċju li s-soċjetà appellata għandha, jiġifieri dak li jinsab f'Malta. L-appellanta kienet ser tingħata taħriġ biex tkun tista' tagħmel dan ix-xogħol, u kienet ser tingħata l-istess salarju bl-istess kundizzjonijiet li kellha meta kienet taħdem bħala *flight attendant* mal-istess kumpannija. L-appellanta setgħet tilmenta li x-xogħol ma kienx idoneu għaliha li kieku ġiet offruta xogħol ta' strapazz li kien ser jissarraf f'dannu għal saħħitha, jew li kieku hija ġiet offruta xogħol li kien impossibbli għaliha li tagħmlu. Iżda l-appellanta ma tistax tilmenta li x-xogħol alternattiv offrut lilha ma kienx idoneu għaliha għaliex hija ma tħallitx taħdem mill-kumdità ta' darha, jiġifieri minn Spanja, u minflok intalbet tibda taħdem mill-uffiċini tas-soċjetà appellata. Jirriżulta wkoll li kien hemm taħriġ li l-appellanta kienet ser tingħata, kif ukoll li dan kien xogħol li l-appellanta qatt ma kienet għamlet, u għalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanta ppretendiet li titħalla tfendi għal rasha, mingħajr assistenza u superviżjoni ta' ħadd. Huwa hawnhekk fejn l-appellanta ma kinitx raġonevoli fil-pretensjonijiet tagħha. It-Tribunal ma kellu l-ebda obbligu, ladarba wasal għall-konklużjoni li dan ma kienx każ ta' tkeċċija,

u wisq anqas ta' tkeċċija inġusta, li jidħol fil-mertu tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità, jew inkella li jeżamina jekk f'dan il-każ ġewx imħarsa r-rekwiżiti tad-Direttiva 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal. Għandu jingħad li f'dan il-każ ma kienx hemm għalfejn issir l-ebda stima tal-livell ta' periklu li ħaddiema tqal tas-soċjetà appellata kienu ser jiġu esposti għalih, u dan għaliex fil-każ ta' persuni li jaħdmu bħala *flight attendants,* ir-regola ġenerali hija li huma jiġu *grounded* hekk kif jinfurmaw lill-prinċipal tagħhom bil-fatt li qegħdin jistennew tarbija. Is-soċjetà appellata offriet impjieg alternattiv lill-appellanta, imma wara li l-appellanta infurmat lill-prinċipal li hija ma setgħetx ittir għall-ebda raġuni, ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni ulterjuri bejn il-partijiet, u l-appellanta rċeviet is-salarju għax-xhur ta' Settembru u Ottubru tal-istess sena, minkejja li hija ma kienet qiegħda tirrapporta għax-xogħol imkien. F'Novembru imbagħad rappreżentanta tas-soċjetà appellata ikkomunikat mal-appellanta u infurmatha li hija ma kinitx ser tibqa' tirċievi salarju mingħand l-appellata, u li b'effett mit-18 ta' Diċembru, 2017, hija kienet ser titqies li kienet fuq *forced sick leave,* b'riserva għall-ħlas ta' erbatax-il ġimgħa *maternity leave,* li l-appellanta kienet intitolata għalihom. Minkejja dan l-appellanta għażlet li tirriżenja mill-impjieg fis-7 ta' April, 2018, ftit ġimgħat biss qabel welldet it-tarbija tagħha.

21. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ kien il-kuntratt ta' impjieg tal-appellanta li ħaseb għall-evalwazzjoni tar-riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-appellanta f'każ li hija tkun qiegħda tistenna tarbija, tant hu hekk li dan l-istess kuntratt ta' impjieg kien jipprovdi għal offerta ta' impjieg alternattiv lill-impjegata, liema

offerta saret, anki jekk l-appellanta għal raġunijiet tagħha għażlet li ma taċċettax l-offerta li saritilha. Għal dan kollu ma taħtix is-soċjetà appellanta, għaliex jirriżulta li hija qdiet l-obbligi tagħha fil-konfront tal-impjegata tagħha. Għar-rigward tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità, li għamlet riferiment għalihom l-appellanta, jirriżulta li l-appellanta ma talbet li tingħata l-ebda *leave* speċjali tal-maternità, f'liema każ hija kien ikollha jedd għal ħlas ekwivalenti għar-rata tal-benefiċċju tal-mard pagabbli skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Lanqas ma jirriżulta li l-appellanta ppreżentat xi forma ta' ċertifikat mediku in sostenn ta' dak li stqarret li hija ma setgħetx ittir fuq ajruplan għall-ebda raġuni, u għalhekk issa ma tistax tilmenta li t-Tribunal ma ħax konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talbiet tagħha fil-konsiderazzjonijiet tiegħu. In vista tas-suespost, il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[in-nuqqas ta' interpretazzjoni korretta tal-kunċett 'trattament diskriminatorju']*

22. L-appellanta qalet li it-Tribunal naqas milli jinterpreta l-kunċett ta' 'trattament diskriminatorju' b'mod korrett, għaliex l-ilment tagħha kien marbut mhux tant mal-fatt li hija ngħatat trattament differenti minn dak li ngħataw persuni oħra, imma mal-fatt li grupp ta' ħaddiema, il-*flight attendants,* li meta jinfurmaw lill-prinċipal tagħhom li huma qegħdin jistennew tarbija, qegħdin jintalbu mis-soċjetà appellata jitilqu minn pajjiżhom biex jirrilokaw f'Malta. L-appellanta qalet li 'trattament diskriminatorju' jammonta għal distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà

demokratika għal raġunijiet bħalma huma t-tqala u l-istat konjugali. L-appellanta qalet li hija setgħet tagħmel ix-xogħol alternattiv li ġie offrut lilha mingħajr il-ħtieġa li titlaq minn pajjiżha, imma l-imsemmija klassi ta' ħaddiema, il-*flight attendants* mhija tingħata ebda alternattiva għajr li taċċetta l-offerta sabiex tirriloka jew inkella titlef l-impjieg tagħha.

23. Il-Qorti tirrileva li l-appellanta naqset milli tispjega kif din il-klassi ta' ħaddiema, il-*flight attendants*, qiegħda tiġi diskriminata mis-soċjetà appellata, ladarba jirriżulta li l-kumpannija offriet impjieg alternattiv lill-appellanta, bl-istess salarju u saħansitra bl-istess kundizzjonijiet li l-appellanta kellha qabel meta kienet taħdem bħala *flight attendant*. Għal raġunijiet ta' prattiċità u loġistika, is-soċjetà appellata esiġiet li l-appellanta tirriloka f'Malta, kemm għaliex kien hemm xi taħriġ li hija kellha tingħata qabel tibda taħdem fir-rwol il-ġdid li ġie offrut lilha, u anki għaliex l-uniku uffiċċju tas-soċjetà appellata jinsab proprju f'Malta. Imma b'daqshekk ma jistax jingħad li t-Tribunal naqas milli jinterpreta l-kunċett ta' 'trattament diskriminatorju' b'mod korrett, partikolarment meta jirriżulta li l-appellanta kienet taf li f'każ li xi darba tkun qiegħda tistenna tarbija, ir-regoli tal-ajru jipprojbixxu li hija tibqa' titħalla ttir, u kienet taf ukoll li l-uffiċini tas-soċjetà appellata jinsabu f'Malta, u għalhekk f'każ li hija tingħata impjieg alternattiv, hija kien ser ikollha tirriloka f'Malta. Minflok l-appellanta akkampat mas-sitwazzjoni ta' pilota, li qalet li tħalliet taħdem mid-dar, sabiex tipprova li hija u l-*flight attendants* li jaħdmu mas-soċjetà appellata, qegħdin jiġu diskriminati. Imma din il-linja ta' ħsieb hija nieqsa mil-loġika, għaliex l-uniku obbligu li kellha s-soċjetà appellata kien li toffri impjieg alternattiv li jkun idoneu għall-persuna li qiegħda tistenna

tarbija. L-appellanta naqset milli tipprova wkoll x'tip ta' xogħol hija setgħet tagħmel minn darha f'Madrid, meta mill-provi rriżulta li hija kellha tingħata taħriġ għax-xogħol alternattiv li ġie offrut lilha, u kif inhu mistenni f'sitwazzjonijiet bħal dawn, aktarx li kellha bżonn tagħmel żmien taħdem taħt superviżjoni. Tqis għalhekk li t-tieni aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali fl-intier tagħha, bl-ispejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-istess appellanta. Spejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiż mit-Tribunal.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**